MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 61/2003

**Dr. Mark Chetcuti bhala mandatarju specjali tad-ditta estera I. Cor S.A.S. di Cicco Pietro and Co.**

**vs**

**Joseph Grima ezercitanti l-kummerc taht l-isem Expo Chic**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu intalab il-hlas ta' LM1474.82c bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinnata lill-konvenut;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Jinnota li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat fid-29 ta' Mejju 2003 ma deherx ghas-seduti li nzammu fit-18 ta' Gunju 2003; tas-7 ta' Lulju 2003 u dik tallum;

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2003 imnejn jirrizulta li l-konvenuti hallsu LM302 fil-mori tal-kawza u ppromettew li jhallsu l-bilanc flimkien mal-imghax u l-ispejjez fi zmien sena f'rati mensili skond skrittura esibita Dok CG 1;

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' LM1172.82c bl-imghax legali mid-data tal-kunsinna sad-data tal-eventwali hlas effettiv kif ukoll l-ispejjez ta'din il-procedura inkluz id-dritt tal-avukati difensuri tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont kollu dovut kif inghad f'rati mensili ugwali; l-ewwel pagament isir fl-1 t'Ottubru 2003 b' dan li jekk jonqos li jhallas tempestivament kwalsiasi rata jintilef ipso facto l-beneficcju tat-terminu u jsir dovut il-bilanc intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------